BIDLA FL-ISEM

*ART 253(2) KAP 16.*

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## MHALLEF

## ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

## Seduta ta' nhar il-Hamis, 14 ta' Lulju 2016

**Kawza Numru : 27**

**Rikors Guramentat Numru : 1121/2015/LSO**

**Maria Pia sive Pia Darmanin**
**(KI. 64489M)**

**vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

## <u>I. PRELIMINARI.</u>

Rat ir-rikors guramentat ta' Maria Pia *sive* Pia Darmanin datat 26 ta' Novembru 2015 fejn esponiet: -

Illi r-rikorrenti twieldet fil-25 ta' Jannar tas-sena 1989, u inghatat l-isem ta' Maria Pia, hekk kif jidher mic-certifikat tat-twelid anness u mmarkat bhala DOK A;

Illi minkejja li nghatat l-isem ta' Maria Pia, minn mindu twieldet hija dejjem kienet konsistentament imsejha u maghrufa bhala Pia, u qatt ma ssejhet bhala "Maria Pia", kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza;

Illi huwa l-isem "Pia" biss li jintuza fi kwalunkwe dokumenti ufficjali taghha bhal certifikati tal-iskola, certifikati universitarji u dokumenti bankarji. Inoltre fuq il-karta ta' l-identita' taghha hemm imnizzel "Maria Pia k/a Pia";

Illi r-rikorrenti tixtieq li ssir korrezzjoni fl-att tat-twelid taghha b'mod illi minflok l-intestatura "Maria Pia" taht il-parti "ismijiet tat-tarbija" titnizzel biss l-intestatura "Pia";

Illi dan il-fatt jikkawza diffikultajiet u skonvenjent ghar-rikorrenti meta tigi sabiex issiefer peress li hija tibbukja t-titjiriet ecc taht l-isem "Pia Darmanin" u fuq il-passaport hemm imnizzel l-isem "Maria Pia Darmanin". Meta r-rikorrenti tkun imsiefra u tmur il-bank hija wkoll tigi rrinfaccjata bl-istess problemi peress li l-isem fuq il-credit cards taghha jidher bhala "Pia Darmanin" fil-waqt li fuq il-passaport taghha jidher l-isema "Maria Pia Darmanin".

Illi din il-kawza qed issir a bazi tal-Artikolu 253(2) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghaldaqstant, *in vista* tal-premess, ir-rikorrenti titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1 Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaghmel dawk it-tiswija rikjesta fl-att tat-twelid tar-rikorrenti billi jigi kkancellat l-"isem "Maria" taht il-parti "ismijiet tat-tarbija" u b'hekk jithalla l-isem "Pia" biss.

2. Tordna wkoll illi l-bdil effettwat fl-att tat-twelid jigi rifless f' kull att ta' l-istat civili relattiv ghall-istess persuna u, jekk ikun il-kaz, ghal ulied u dixxendenti ulterjuri tar-rikorrenti.

Bl-ispejjez kontra l-intimat li huwa minn issa ngunt in subizzjoni.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tal-11 ta' Frar 2016.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku datata 23 ta' Dicembru 2015 (fol 29) fejn Dr. Byron Camilleri ghan-nom u in rapprezentanza ta' l-istess Direttur bil-gurament tieghu ddikjara u kkonferma :

1. Illi *in limine litis* huwa mehtieg li b'ordni tal-Qorti, ta' lanqas hmistax-il gurnata qabel is-smigh tal-kawza ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern *a tenur* tal-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponent jopponi ghat-talba tar-rikorrenti, ghaliex l-isem 'Pia' huwa *"biss verzjoni imqassra"* tal-isem 'Maria Pia' u allura japplika l-*proviso* tal-Artikolu 253 (2) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, illi tistipula; *"Izda, t-talba gudizzjarja msemmija f'dan is-subartikolu m'ghandhiex issir meta l-isem jew l-ismijiet li l-persuna tkun uzat jew tkun uzat ghaliha l-familja taghha jkunu biss verzjoni mqassra jew abbrevjazzjoni tal-isem jew ismijiet li jidhru fl-att tat-twelid relattiv."* Illi ghaldaqstant, l-esponent jaghmel referenza ghal zewg sentenzi li nghataw mill-Qrati Maltin fuq materja simili u cioe`; il-gudikat tal-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet "Nardu Balzan Imqarreb vs. Direttur tar-Registru Pubbliku" deciza fit-tletin (30) ta' Gunju tas-sena elfejn u erbgha (2004) u l-gudikat tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet "Stefania maghrufa bl-isem Steffi Vella Laurenti vs Direttur tar-Registru Pubbliku" deciza fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Frar tas-sena elfejn u tlettax (2013). *[Enfasi tal-esponent];*

3. Illi bla hsara ghal premess, fil-kaz illi l-eccezzjoni sureferita ma tigix milqughha, l-esponent umilment jirrileva li d-dokumenti li gew esibiti mir-rikorrenti flimkien mar-rikors guramentat, wahedhom, mhumiex bizzejjed biex jipprovaw li l-isem tar-rikorrenti huwa maghruf bhala 'Pia' hekk kif jezigi l-Artikolu 253 (2) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Ghalhekk maghdud mal-imsemmija dokumenti r-rikorrenti trid tressaq xhieda affidabbli *viva voce* jew tipprezenta affidavits ta' familjari li ghandhom jikkonfutaw it-tezi taghha ossia li tul hajjitha hija kienet konsistentement msejha bhala 'Pia' u mhux 'Maria Pia';

4. Illi madankollu, minghajr pregudizzju ghal fuq espost, l-esponent jeccepixxi illi r-Registru Pubbliku m'ghandux jinzamm responsabbli ta' din id-diskrepanza fl-isem tar-rikorrenti ghaliex fil-kaz *de quo,* fuq l-Att ta' Twelid tar-rikorrenti bin-numru ta' iskrizzjoni sitt mija, erbgha u erbghin (644) tas-sena elf, disa' mija, disgha u tmenin (1989), *[mehmuz ma' din ir-risposta bhala 'Dok* DRP *1']* kien propju missier ir-rikorrenti, cioe` Anthony Alfred Darmanin, illi kien id-dikjarant li ta l-informazzjoni kollha li hemm kontenuta fl-imsemmi Att ta' Twelid, inkluz l-isem tar-rikorrenti, u sahansitra ffirma dan l-istess att bhala wiehed korrett, allura jidher illi accetta l-informazzjoni kif tinsab inserita fl-att innifsu. *Stante* li l-atti rispettivi qabel ma jghaddu ghar-registrazzjoni jigu moghtija lil min ikun ghamel in-notifika sabiex jiccekja li l-informazzjoni hija koretta u jiffirma l-att. Illi ghaldaqstant mar-Registru Pubbliku, l-isem tar-rikorrenti huwa registrat bhala 'Maria Pia' ghaliex tnizzel skont ma kien iddikjara missierha Anthony Alfred Darmanin, bhala d-dikjarant fuq l-att tat-twelid taghha. Illi b'hekk ma jirrizultax li sar xi nuqqas min-naha tar-Registru Pubbliku u ghaldaqstant m'ghandhux ibati l-ispejjez tal-proceduri istanti;

5. Illi minghajr pregudizzju, sabiex ikun hemm bdil f'kull att iehor tal-istat civili *a tenur* tal-Artikolu 253 (3) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, hekk kif gie propost fit-tieni talba tar-rikors in risposta, ir-rikorrenti ghandha tispecifika n-numru u s-sena tal-atti tal-istat civili li hija qieghda taghmel riferenza ghalihom;

6. Illi subordinatament, bla hsara ghall-premess, ghal dak li jikkoncerna mal-mertu tal-kawza l-esponent mhuwiex edott mill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors guramentat u ghalhekk ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-mertu tal-kaz inkwistjoni huwa jirrimetti ruhhu ghad-decizjoni ta' din l-Onorabbli Qorti salv pero` li l-provi migjuba jkunu l-ahjar u sodisfacenti f'ghajnejn il-ligi;

7. Illi bla pregudizzju ghal fuq espost, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz, l-azzjoni tar-rikorrent mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir ta' l-esponent u kwindi huwa m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

8. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li qieghda tigi ingunta in subizzjoni.

Rat il-verbal tas-seduta tal-Hamis, 26 ta’ Mejju 2016 fejn meta ssejhet il-kawza dehret Dr Anna Mifsud Bonnici li assocjat ruhha fil-patrocinju tar-rikorrenti flimkien ma’ Dr Anne Marie Bisazza. Dehret Dr Stephanie Borg ghad-Direttur Intimat. Dr Mifsud Bonnici ddikjarat li m'ghandhiex provi ulterjuri u rrinunzjat ghall-kap tal-ispejjez. Dr Borg iddikjarat li m'ghandhiex aktar provi u rrimettiet ruhha ghar-risposta. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-14 ta’ Lulju 2016 fid-9:30a.m.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi din il-kawza qed issir *ai termini* tal-**artikoli 253** *et sequitur* tal-Kodici Civili li jaghtu dritt lil kull persuna li taghmel talba gudizzjarja ghall-korrezzjonijiet fir-registrazzjoni ta' ismijiet fl-atti tal-istat civili.

Illi l-pubblikazzjoni *ai termini* tal-**artikolu 254 tal-Kap 16** tal-Ligijiet ta' Malta saret debitament fit-30 ta' Novembru 2015 (fol 24) u b'hekk l-ewwel eccezzjoni tad-Direttur intimat hija sorvolata.

Illi r-rikorrenti qed titolb li jigi korrett l-att tat-twelid taghha sabiex l-isem "Maria Pia" jigi korrett u sostitwit biss bl-isem "Pia", u dan peress li hi sostniet li kienet konsistentement imsejha u maghrufa bl-isem "Pia" u dan abbazi tal-**artikolu 253(2) tal-Kap 16** tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi fil-mertu r-rikorrenti ghandha tipprova a sodisfazzjon tal-Qorti li kienet u hi maghrufa bhala "Pia". Ghal dan il-ghan, esebiet serje tad-dokumenti, certifkati edukattivi, li fihom tinsab imnizzla bhala Pia. Hi esebiet ukoll kopja tal-karta ta' l-identita`taghha fejn hi registrata bl-isem Maria Pia Darmanin k/a Pia. Il-Qorti tinnota wkoll li hi ffirmata bhala Pia fuq il-karta tal-identita` taghha.

**Ir-rikorrenti** xehdet permezz ta' affidavit (fol 38) fejn qalet li hi mindu kienet zghira kient maghrufa u msejha bl-isem Pia, u kienet saret taf biss mill-iskola dwar l-isem Maria Pia. Spjegat li meta kibret l-isem Maria beda jkun aktar ta' tfixkil meta ssiefer u tuza visas. Semmiet li l-isem "Maria"

qabel l-isem “Pia” kien inghata minn parrinu taghha, u ma hasbux li se jkun hemm konsegwenzi dwaru.

**Maria Darmanin** xehdet permezz ta’ affidavit (fol 39), u qalet li hi omm ir-rikorrenti. Semmiet li dejjem sejhu lir-rikorrenti bl-isem Pia, u mhux bl-isem Maria, u l-isem “Maria” kien inghata minn parrinu tar-rikorrenti. Spjegat li l-isem Maria kien tpogga qabel, ghax Pia Maria kien jinstema’ stramb u ghalhekk, irregistrawha bhala Maria Pia.

**Danielle Grace Vassallo** xehdet b’affidavit (fol 40) u qalet li hi habiba tar-rikorrenti minn ckunita u kkonfermat li dejjem sejhulha bhala Pia, u li r-rikorrenti dejjem tgerger dwar l-isem “Maria Pia”, li jkkawzalha problemi anke meta ssiefer.

**Francesca Scerri** xehdet b’affidavit (fol 41), qalet li hi kugina tar-rikorrenti, dejjem trabbew flimkien u anke siefru flimkien. Semmiet li l-familja dejjem sejhitilha bhala Pia.

Ikkonsidrat li l-intimat irrimetta ruhu ghad-decizjoni tal-Qorti ghal dak li jikkoncerna l-mertu ta’ din il-kawza.

Referibbilment ghat-tieni eccezzjoni, fejn saret referenza ghal zewg sentenzi moghtija fuq materja simili, fosthom, “**Nardu Balzan Imqareb vs Direttur Registru Pubbliku**” deciza mill-P.A. fit-30 ta’ Gunju 2004, u **“Stefania maghrufa bl-isem** “**Steffi” Vella Laurenti vs Direttur tar-Registru Pubbliku**”, deciza mill-Qorti tal-Appell, fit-22 ta’ Frar 2013, din il-Qorti taghmel is-segwenti osservazzjonijiet. Fl-ewwel lok, hu minnu li l-artikolu 253(2)

jipprovdi li talba gudizzarja m'ghandhiex issir meta l-isem li jkun intuza ikun biss verzjoni mqassra jew abbrevjazzjoni tal-isem jew ismijiet li jidhru fl-att tat-twelid relattiv. Kien proprju dan l-intendiment fil-kawzi succitati, li kemm-il darba l-isem pretiz mir-rikorrent ikun biss abbrevjament tal-isem imnizzel fl-att tat-twelid.

Fit-tieni lok, jigi osservat, li korrezzjoni ssir mhux biss meta hemm zball fl-att tat-twelid, izda wkoll meta jkun hemm bidla fl-isem kif registrat. Issa, fil-kaz in ezami, l-bidla mitluba mir-rikorrenti mhix meqjusa biss abbrevjazzjoni, izda, hi meqjusa bhala bidla fl-isem *stante* li l-isem imnizzel fuq l-att tat-twelid taghha, kien "Maria Pia", li jikkonsisti f'zewg ismijiet distinti. It-talba taghha hija li isimha jkun biss kif kienet dejjem maghrufa bhala "Pia" biss. Ghalhekk, dan jikkonsisti f'bidla fl-isem.

Illi fid-dawl tal-affidavits u d-dokumenti esebiti, din il-Qorti hi tal-fehma li r-rikorrenti rnexxielha tipprova li hi konsistentement maghrufa sa minn tfulitha bl-isem "Pia" u t-talba taghha hi ghalhekk gustifikata kif trid il-ligi.

L-ommissjoni tat-talba a tenur tal-**artikolu 253(3) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta**, rigwardanti nuqqas ta' dettalji specifikati ghal bdil f'atti ohra tal-istat civili, ma twassalx ghan-nullita` jew ghall-irritwalita` tat-talba odjerna.

Referibbilmet ghall-kap tal-ispejjez, izda, ser tilqa' l-eccezzjoni tal-intimat, in kwantu ma sar l-ebda zball fir-registrazzjoni tal-isem fuq l-att tat-twelid, esebit mill-istess

intimat, u ffirmata minn missier ir-rikorrent. Ghalhekk taqbel ma' l-intimat li m'ghandux ibati l-ispejjez tal-kawza.

## III. <u>KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi fil-waqt li tiddisponi mill-eccezzjonijiet kif spjegat, tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti billi:-

1. Tilqa' l-ewwel talba u tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku biex jikkoregi l-att tat-twelid tar-rikorrenti **Dok A** (fol 5) b'mod li minflok l-isem "Maria Pia", jithalla biss l-isem "Pia."

2. Tilqa' t-tieni talba u tordna li l-bdil fl-att tat-twelid jigi rifless f'kull att iehor tal-istat civili relattiv.

**L-ispejjez jithallsu mir-rikorrenti.**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**14 ta' Lulju 2016**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**14 ta' Lulju 2016**